MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2007

Mandat Numru. 1209/2007/1

**Bad Boy Cleaning Services  Ltd (C8836) Euro Hygene International Ltd (C25887) MCCS Co Ltd (C16749) u l-Av Dr Andrew Borg-Cardona (ID 818655 M)**
**bhala Mandatarju Specjali ta' COOPSERVICE S. COOP. S.A.**
**membri tal-konzorzju Servizzi Malta**

**-vs-**

**Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta;
Rat id-dokumenti ezebiti;
Semghet lill Avukati difensuri;

**Talba**

Ir-rikorrenti qed jitolbu li dina l-Qorti zzomm lill-intimat milli jkompli bil-process ta' aggudikazzjoni ta' l-offerti maghmlua u/jew l-ghoti tal-kuntratt in konnessjoni mat-"Tender for the Provision of Cleaning Services etc at Mater Dei Hospital CT File No. CT 2194/07".

L-intimat qed jopponi dina t-talba.

**Kontestazzjoni**

Ir-rikorrenti qed jikkontendu li l-uniku konzorzju li baqa' elegibbili biex jigi evalwat hu kompost minn diversi kumpaniji li tnejn minnhom huma ineligibbili biex jippartecipaw billi l-objettivi taz-zewg kumpaniji ma jinkludux il-provvista ta' tindif, u dan kif jidher mill-Memorandum & Articles of Association ta' l-istess kumpaniji. Dan il-konzorzju, skond ir-rikorrenti, ghandu jigi skwalifikat *ab initio* u mhux wara li l-process jitkompla. Inoltre billi din hi kwistjoni ta' nuqqas ta' kwalifikazzjoni legali tal-konzorzju li jonqos li jigi evalwat, ma tidholx il-kwistjoni dwar id-decizjoni li jrid jiehu l-Bord ta' l-Appell a bazi tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici.

Ir-rikorrenti jsostnu li huma se jbatu pregudizzju rrimeddjabbli u mhemmx rimedju pekunjarju x'jista' jinghata. Barra minn hekk jekk il-process jitkompla u l-offerta' teknika u/jew dik finanzjarja ta' l-uniku konzorzju li baqa' tigi miftuha dan ikun ifisser pregudizzju rrimmeddjabbli ghal kulhadd.

L-intimat minn naha l-ohra ssottometta li dan hu t-tieni mandat ta' inibizzjoni li s-socjeta' rikorrenti intavolat u l-ewwel wiehed gie michud fl-14 ta' Awissu 2007. Hu jghid li s-socjeta' rikorrenti ma setghetx tintavola dan il-mandat billi jmur kontra r-Regolament 84(19) li jipprovvdi li ghalkemm offerent jista' jadixxi l-Qorti dan ma jistax minn naha l-ohra jzomm lill intimat milli jimplimenta d-decizjoni tal-Appeals Board li hija meqjusa bhala 'final and binding' a termini tas-subinciz (18) ta' l-istess Regolament.

Inoltre l-intimat jirritjeni li skond l-artikolu 873(2) tal-Kap 12 jista' jinhareg il-mandat jekk il-jedd li s-socjeta' rikorrenti qed titlob li jigi mhares jintilef darba ghal dejjem b'mod irrimedjabbli izda skond l-intimat is-socjeta' rikorrenti mhux se titlef ir-rimedji li taghtiha l-ligi inkluz l-azzjoni ghad-danni.

Finalment l-intimat issottometta li skond l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 il-pregudizzju li se jsofri l-intimat jekk jintlaqa' l-mandat se jkun ferm akbar minn dak li qatt tista' ssofri s-socjeta' rikorrenti jekk ma jintlaqax il-mandat.

**Ligi**

*Skop tal-mandat.*

**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

*Ezami tal-qorti.*

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

(3) Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghalhekk iz-zewg elementi rikjesti biex jinhareg il-mandat huma li r-rikorrent juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa

t'ghajn (prima facie) jedd x'jikkawtela u li l-mandat hu mehtieg biex jithares dan il-jedd.

Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huma nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug tal-mandat.

**Konsiderazzjoni**

Jibda biex jigi rilevat li l-intimat ghamel id-dikjarazzjoni rikjesta mill-artikolu 873(3) tal-Kap 12 li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma fil-fatt hu mahsub li ssir.

Skond il-ligi, mandat ta' inibizzjoni ma jistax hlief jirrigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[1] ghalhekk fil-kaz in ezami s-socjeta' rikorrenti ma tistax tuza dina l-procedura biex iggieghel lill intimat, bhala awtorita' gudikanti, biex jaghmel xi haga, bhal ma qed titlob is-socjeta' rikorrenti, cjoe li jiskwalifika offerent iehor. Mhux imholli ghas-socjeta' rikorrenti li hi stess, li giet gja skwalifikata, tiddetta x'imissu jew ma jmssux jaccetta l-intimat f'dik li jirrigwarda aggudikazzjoni.

Mill-kontenut tar-rikors promotorju, partikolarment fil-parti espozittiva tieghu, jidher car li bil-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni r-rikorrenti jridu li l-intimat "jaghmel" xi haga, cjoe li jiskwalifika lill-konzorzju l-iehor qed isostni li dan mhux legalment kwalifikat u dana meta l-intimat ghadu m'ghamiltx l-ezercizzju li jiftah il-pakketti li fadal u jkompli bl-evalwazzjoni.

Is-socjeta' rikorrenti jidher li qed tassumi li jekk jitkompla l-process ta' aggudikazzjoni, l-offerta' se tinghata lill-konsorzju li hi tghid li mhux kwalifikat. Sal lum l-intimat ghadu mhux f'posizzjoni li jikkonferma jekk il-konsorzju fuq imsemmi jikkawlifikax skond ir-Regolamenti, u l-intimat mhux marbut li jaccetta l-ebda offerta li saret u lanqas ma hu marbut li jaccetta xi wahda partikolari.

---

[1] Vol XL11 p 983 Zerafa vs Buhagiar

Il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta' rikorrenti mad-daqqa t'ghajn m'ghandha ebda dritt x'tikkawtela u l-procedura li adottat ma hiex wahda idonea, ghalhekk il-mandat m'ghandhux jinhareg. Dan ma jfissirx li jekk jidhrilha s-socjeta' rikorrenti ma tistax tfittex id-drittijiet taghha b'mezzi ohra, inkluz b'azzjoni ghad-danni. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll li jekk il-process ta' aggudikazzjoni ma jitkompliex il-pregudizzju se jkun ferm akbar ghal-intimat milli ghas-socjeta' rikorrenti, tenut kont l-interess tas-socejta' rikorrent, li effettivament giet skwalifikata mill-process.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi s-socjeta' rikorrenti m'ghandhiex prima facie dritt x'tikkawtela
Tichad it-talba
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------